**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 4 ta' Marzu 2002**

**Rikors Nru: 130/00B**

**Maria Dolores Grech**

**Vs**

**Dr. Chris Cilia b' digriet tat-30 ta' Awissu 2000 mahtur bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti John Tonna.**

Il-Bord,

Ra r-rikors fejn l-esponenti qalet;

Illi hi tikri lill-intimat John Tonna Il-fond 26, Reid Str., Gzira, bil-kera ta' Lm 44 fis-sena, l-ewwel skadenza fl-10 ta' Settembru, 2000;

Illi l-intimat abbanduna l-fond, u m' ghadux jghix gewwa fih;

Illi inoltre, l-intimat ilu ma jhallas l-kera tal-fond sa mill-1992, u dan minkejja illi interpellat, b' zewg ittri ufficjali skond il-ligi.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fi zmien qasir u ghar-ragunijiet suespost tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti jizgombra mill-fond 26, Reid Str., Gzira.

Ra r-risposta ta' l-intimat nomine li;

1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti ma ghandha tipprova t-titolu taghha fuq il-fond 'de quo' u tezebixxi kopja ufficajli tal-ittri ufficjali minnha msemmija;

2. Illi fil-mertu l-intimat nomine mhux edott mill-fatti u jirrizerva illi jipprezenta risposta ulterjuri wara li jkun ghamel id-debiti accertamenti.

Sema' x-xhieda bil-gurament;

Ra d-dokumenti imressqa;

Ra l-atti;

Ra l-verbal tat-23 ta' Jannar 2002

Ikkunsidra,

1. Il-fond in kwistjoni kien proprjeta' taz-ziju tar-ragel tar-rikorrenti Josette Grech. Gie ghand zewgha Godwin b' wirt u meta miet fit-13 ta' Novembru 1998 ghadda f' idejha bhala uzufruttwarja permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin tal-21 ta' Marzu 1991 (fol 31-34)

2. Saru l-proceduri ai termini ta' l-Att XVII ta' l-1993 (fol 47-53) fl-atti tan-Nutar dottor Maurice Gambin tat-12 ta' April 1999.

3. Bhala uzufruttwarja r-rikorrenti ghandu kull jedd li taghmel dan ir-rikors.

4. L-ewwel kawzali tar-rikorrenti hi li

"l-intimat abbanduna l-fond, u m' ghandux jghix gewwa fih."

5. F' din il-kawza xehdet biss ir-rikorrenti li tghid li ghamlet li setghtet biex issib il-kerrej John Tonna. gieli marret thabbat fuq il-bieb tal-fond u sabet nies ohra. Tonna siefer minn Malta u fil-post illum hemm certu Zammit.

6. Il-kuratur ghamel li seta biex jaghmel kuntatt ma' l-imsemmi Tonna. Mid-dokumenti prezentati mill-Kuratur jirrizulta li fid-9 ta' Awissu 2000 l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud kiteb lir-rikorrenti u lill-avukat taghha li

"Mr. Tonna is prepared to regularize his position and pay all arrears due. Could you kindly inform him where and when he can call upon you for such a purpose. He has been trying on 331413, but has not received any reply.

Kindly inform me of an appointment at your convenience, for Mr. Tonna to call upon you." (fol 23)

7. Wara din l-ittra ma jirrizulta li gara xejn. La Tonna u lanqas xi hadd floku ma deher fis-seduti.

8. Ix-xhieda tar-rikorrenti jirrizulta li l-intimat abbanduna l-fond u m'ghadux jghix gewwa fih.

9. It-tieni kawzali hi msejsa fuq nuqqas tal-hlas tal-kera. Intbaghtu lil kuratur zewg ittri ufficjali fit-2 ta' Gunju 2000 dwar skadenzi differenti u dan ma hallsux (fol 17-21). L-ittra a fol 23 mitluba f' isem Tonna li ammissjoni dwar nuqqas ta' hlas ta' kera. L-ittra inkitbet fid-9 ta' Awwissu 2000 meta kienu ghaddew aktar minn hmsitax il-jum minn notifika ta' l-ittri ufficjali li saret fis-6 ta' Settembru 2000. Ir-rikors gie prezentat fid-29 ta' Settembru 2000.

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti fuq iz-zewg kawzali u jawtorizzaha terga tiehu f' idejha il-fond 26, Reid Street, il-Gzira; ghall-ghan ta' l-izgumbrament jiffissa zmien xahar m' illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.

Dep.Reg Magistrat